



Brussell, 11 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6900/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0218(COD)

AGRI 126
AGRIFIN 32
AGRIORG 31
AGRILEG 41
CODEC 345
CADREFIN 125

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

I INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għal żmien wara l-2020, inkluż Regolament Emendatorju, biex tintroduċi bidliet fir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq (OKS) fi prodotti agrikoli (inklużi r-regoli dwar l-inbid), l-iskemi tal-kwalità tal-UE (indikazzjonijiet ġeografiċi) u l-miżuri ta' appoġġ għar-reġjuni mbiegħda.

2. Fil-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2021–2027, li fihom gwida wkoll dwar elementi ewlenin tal-atti leġislattivi settorjali relatati mal-QFP, inkluż ir-Regolament Emendatorju.
3. Fil-21 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" qabel dwar Approċċ Ġenerali dwar ir-riforma tal-PAK, u b'hekk ta mandat ta' negozjar lill-Presidenza (dok. 12158/20). Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Parlament Ewropew ikkonkluda l-vot dwar il-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu.
4. Fl-10 ta' Novembru 2020, in-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar it-tliet Regolamenti dwar ir-riforma tal-PAK tnedew fi trilogu jumbo. Minn dak iż-żmien 'l hawn, saru tliet trilogi ddedikati għar-Regolament dwar l-OKS fit-2 ta' Diċembru 2020, fis-27 ta' Jannar 2021 u fit-3 ta' Marzu 2021.
5. Fit-2 ta' Diċembru 2020, l-ewwel trilogu qabel li l-fajl jiġi ttrattat f'erba' blokko:
 - **Il-blokka 1** tkopri l-ġestjoni tas-suq u d-dispożizzjonijiet relatati marbuta mal-intervent, il-miżuri eċċezzjonali u ta' ġestjoni tal-kriżijiet, it-trasparenza tas-suq u l-importazzjonijiet.
 - **Il-blokka 2** tkopri l-inbid u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi d-dispożizzjonijiet kollha dwar l-inbid, l-inbejjed aromatizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 u r-Regolament (UE) Nru 1151/2012.
 - **Il-blokka 3** tkopri organizzazzjonijiet tal-produtturi u interprofessjonali u dispożizzjonijiet relatati mal-kompetizzjoni.
 - **Il-blokka 4** tkopri l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, l-iskemi għall-iskejjel, il-POSEI u l-Gżejjer minuri tal-Eġew, u d-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali fi blokka inqas omoġena.
6. Il-ħidma li saret s'issa fin-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament Emendatorju kopriet l-emendi dwar l-inbid u l-indikazzjonijiet ġeografiċi taħt il-blokka 2 u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u interprofessjonali taħt il-blokka 3. L-involviment f'diskussjonijiet kostruttivi mal-Parlament Ewropew dwar il-blokka 1 kien aktar diffiċli.

II SITWAZZJONI ATTWALI

Suġġetti miftiehma b'mod proviżorju

7. Il-ħidma teknika u d-diskussjonijiet tat-trilogu mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ppermettew lin-negozzjaturi jilhqg ftehimiet proviżorji b'mod partikolari dwar:

Il-blokka 2 - Inbid

- Estensjoni tal-validità tal-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil tad-dwieli - l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li meta t-tħawwil mill-ġdid iseħħ fl-istess roqgħa art jew irqajja' art li fuqhom ikun sar il-qluġħ tad-dwieli, l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 66 ikunu validi għal sitt snin mid-data li fiha jkunu ngħataw (**Art 62(3) – AM 261**)
- Eżenzjoni mill-awtorizzazzjoni għal żoni ta' tħawwil jew tħawwil mill-ġdid maħsuba għal skopijiet sperimentali, għall-istabbiliment ta' kollezzjonijiet ta' varjetajiet ta' dwieli maħsuba biex jippreservaw ir-riżorsi ġenetiċi u għall-mixtliet għat-tilqim (**Art 62(4)/63(4a) – AM 64/66**)
- Indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid:
 - relazzjoni mtejbja mal-orijini - aġġustament aħjar tar-regoli għar-realtà (**Art. 94 (2) — 236/CON**)
 - relazzjoni mal-iżvilupp sostenibbli (**Art 94(2)ga ġdid – AM 236**)
 - tisħiħ tal-protezzjoni għat-trademarks (**Art 102 – CON**);
 - tisħiħ tal-protezzjoni għall-użu bħala ingredjent (**Art 103 – 263rev/CON**);
 - tisħiħ tal-protezzjoni tad-DPO u l-IĠP anke jekk jintużaw bħala ingredjent, fir-rigward ta' oġġetti fi tranżitu jew meta jinbiegħu permezz tal-kummerċ elettroniku (**Art 103 – AM 88/ 263rev**)
 - l-emendi għal speċifikazzjoni ta' prodott għandhom jiġu kklassifikati f'żewġ kategoriji fir-rigward tal-importanza tagħhom: l-emendi tal-Unjoni, li jeħtieġu proċedura ta' oppożizzjoni fil-livell tal-Unjoni, u l-emendi standard li għandhom jiġu ttrattati fil-livell ta' Stat Membru jew pajjiż terz (**Art 53; AM 198/199/CON**)

Blokka 1 - Ġestjoni tas-suq

- Limitazzjoni tas-setgħat tal-Kummissjoni li tistabbilixxi definizzjonijiet li jikkonċernaw is-setturi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament 1308/2013 (**Art 3; AM 49/CONS**)
- Żamma tas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni u aġġustament tad-dati għaż-żejt taż-żebuga u ż-żebug tal-mejda biex ikunu adattati aħjar għar-realtà (**Art 6; AM 50/51**)

Suġġetti diġà diskussi fit-trilogi iżda li jeħtieġu aktar ħidma

8. Il-ħidma teknika u d-diskussjonijiet tat-trilogu ppermettew ukoll lin-negozjaturi jagħmlu progress fuq is-suġġetti li ġejjin:

Il-blokka 2 - Inbid

- Estensjoni tal-iskema ta' awtorizzazzjonijiet tad-drittijiet ta' tħawwil sal-2045, mingħajr ma jinbidel il-perċentwal massimu ta' żieda annwali - qbil milħuq dwar id-data tat-tmiem iżda għadha għaddejja l-ħidma fuq il-formulazzjoni ta' premessa biex tiġġustifika l-estensjoni (**Art 61; AM 63**)
- Varjetajiet awtorizzati - iż-żamma tal-istatus quo, għall-kuntrarju tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni li titneħħa projbizzjoni fuq l-ibridi mingħajr *Vinis vinifera* u fuq 6 varjetà ta' għeneb - maqbula fil-prinċipju iżda għadha għaddejja l-ħidma fuq il-formulazzjoni ta' premessa li tipprovdi ġustifikazzjoni (**Art 81(2); AM 75/76/CON**)
- Dealkoholizzazzjoni tal-inbid - ftehim dwar l-armonizzazzjoni tal-kriterji fl-OKS, bħala Prattika applikabbli għall-kategoriji tal-inbid inklużi DOP (parzjali) u IĠP (totali jew parzjali) - ftehim fil-prinċipju iżda għadha għaddejja l-ħidma fuq il-formulazzjoni ta' premessa biex tiġġustifika d-distinzjoni bejn DPO u IĠP (**Art 92(1), 93.1a va ġdid, Anness VII II – AM 78, 82, 166-170**)
- Tikkettar dwar in-nutrizzjoni tal-inbid - il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jaqblu dwar il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni tar-regoli fl-OKS, filwaqt li jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni li tiġi inkluża d-dikjarazzjoni nutrizzjonali kompluta mhux fuq it-tikketta - għad hemm bżonn ta' ħidma biex jiġi żgurat trattament ugwali għall-inbejjed parzjalment dealkoholizzati jkun xi jkun il-kontenut alkoħoliku tagħhom (**Art 119, 120, 122; AM 101/105/CON**)

Blokka 3 - Regoli dwar il-kompetizzjoni

- Ġestjoni tal-provvista tad-DPO/IĠP - estensjoni tar-regoli attwali għall-inbid, il-ġobon u l-perżut għall-prodotti agrikoli kollha b'denominazzjonijiet DPO/IĠP (**Art 166a ġdid; AM 124**)

Suġġetti b'pożizzjonijiet ferm diverġenti

9. Id-diskussjonijiet tat-trilogu s'issa wrew li l-pożizzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew ivarjaw b'mod sinifikanti dwar ċerti emendi introdotti mill-Parlament Ewropew taħt il-blokka 1 dwar il-ġestjoni tas-suq u miżuri eċċezzjonali.

Ambitu u snin ta' kummerċjalizzazzjoni:

- Proposta tal-PE biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni għas-settur taz-zokkor; tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq (**Art 1; AM 46**)
- Enfasi fuq ċerti objettivi tal-PAK stabbiliti fit-TFUE (**Art 1a ġdid; AM 47**)

Intervent pubbliku u għajjnuna għall-ħżin privat

- Ftuħ u għeluq tal-intervent pubbliku - il-PE ippropona li l-intervent pubbliku jkun disponibbli s-sena kollha; tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq u l-implikazzjonijiet baġitarji (**Art 13, AM 54**)
- Xiri bi prezz fiss jew b'sejħa għall-offerti - il-PE ippropona li x-xiri jsir biss permezz ta' sejħa għall-offerti (**Art 14; AM 55**)
- Definizzjoni tal-prezz ta' intervent pubbliku - il-PE ippropona li titħassar id-dispożizzjoni għax-xiri bi prezz fiss u li jitneħħa jew jiġi ristrett ir-rwol tal-Kunsill li jiffissa l-prezzijiet ta' referenza (**Art 15; AM 56, 57, 266**)
- Prinċipji ġenerali applikabbli għad-disponiment tal-ħażniet ta' intervent pubbliku u żvelar tal-identifikazzjoni tal-benefiċjarji (**Art 16; AM 232**)
- Prodotti ġodda għall-għajjnuna għall-ħżin privat (żebbuġ tal-mejda); tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq u l-implikazzjonijiet baġitarji (**Art 17.1(b); AM 59**)
- Prodotti ġodda għall-għajjnuna għall-ħżin privat (ross); tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq u l-implikazzjonijiet baġitarji (**Art 17.1 (ia) ġdid; AM 60**)

Dispożizzjonijiet dwar iż-zokkor

- Pitravi u kannamieli miżjuda fit-titolu għall-ftehimiet tas-settur taz-zokkor; tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq (**Art 125; AM 106**)
- Rappurtar tal-prezzijiet fis-swieq taz-zokkor. Dan jista' jiftaħ aktar diskussjoni dwar l-ambitu tas-settur taz-zokkor (**Art 126; AM 107**)
- Prodotti ġodda (pitravi/zokkor tal-kannamieli/etanol) li jistgħu jipprovokaw aktar diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tas-settur taz-zokkor; tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq (**Art 126.1; AM 108**)

Kummerè ma' pajjiżi terzi

- Dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni; definizzjoni tal-iskopertura tas-suq (**Art 182.1.3rd subparagrafu ġdid; AM 136**)
- Kwoti tariffarji; ġestjoni tal-Kwoti Tariffarji (soċjali/ILO + ambjentali) (**Art. 184.2; AM 137**)
- Suġġetti relatati mal-kummerè (liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni, salvagwardji speċjali, importazzjonijiet minn pajjiżi terzi). Il-Kunsill u l-Kummissjoni esprimew tħassib dwar il-konformità mar-regoli tad-WTO. Il-ħtieġa li jaħdmu aktar u jinvolvu s-servizzi legali tat-tliet istituzzjonijiet (**Art 182.1/188a; AM 133-135/138**)

Miżuri eċċezzjonali tas-suq

- Miżuri biex tiġi stabbilizzata l-produzzjoni f'perijodi ta' tfixkil serju fis-suq; impożizzjoni ta' imposta fuq iż-żidiet fil-produzzjoni; tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq (**Art 219b ġdid; AM 150**)
- Il-PE jipproponi li titwessa' d-deroga mir-regoli dwar il-kompetizzjoni; tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq (**Titlu Part V Kap1 Sezz 4; AM 151**)
- Prevenzjoni tat-tfixkil fis-suq (POs, estensjoni tal-IBO); tħassib dwar l-orjentazzjoni tas-suq (**Art 122; AM 152**)
- Monitoraġġ tat-tfixkil fis-suq u pjanijiet ta' ġestjoni (**Artikolu 222a ġdid; AM 248**)

Osservatorju tal-UE

- Osservatorju tal-UE u Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li l-ħolqien ta' osservatorju indipendenti wieħed mhuwiex idea tajba iżda jistgħu jikkunsidraw li jifformalizzaw l-osservatorji eżistenti u joħolqu oħrajn ġodda. Bl-istess mod, huma għandhom tħassib fir-rigward tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' skattar awtomatiku għaliex dan ikun għodda ta' intervent ex ante li tista' twassal għal distorsjonijiet fis-suq. Huma jqisu wkoll li huwa preferibbli li jinżamm il-mekkaniżmu ta' skrutinju eżistenti li jinvolvi l-osservatorji, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament. (Art 218a ġdid/218b ġdid; AM 146/147)

III IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

10. Filwaqt li t-trilogi li saru s'issa ppermettew lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jallinjaw il-fehmiet tagħhom dwar diversi suġġetti, ser tkun meħtieġa aktar ħidma intensiva biex jintlaħaq qbil komprensiv dwar ir-Regolament Emendatorju kollu.
11. **Il-Presidenza tistieden lill-Kunsill biex jikkonferma l-kisbiet li saru s'issa, b'mod partikolari dwar l-inbid, u biex jikkummenta dwar jekk dawk il-kisbiet jiġġustifikawx xi tnaqqis tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-emendi problematiċi taħt il-blokka 1.**